## ANNESS:

## REGOLI UFFIĊJALI DWAR L-GĦOTI TAL-PREMJU KARLU MANJU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ EWROPEJ

### ARTIKOLU I – TISMIJA

Kull sena, il-Fondazzjoni tal-Premju Internazzjonali Karlu Manju ta' Aachen u l-Parlament Ewropew jagħtu "Il-Premju Karlu Manju għaż-Żgħażagħ Ewropej".

### ARTIKOLU II – OBJETTIV TAL-PREMJU

1. Dan il-premju jingħata lil proġetti organizzati minn żgħażagħ bejn is-16 u t-30 sena u li wrew riżultati eċċezzjonali miksuba fl-oqsma li ġejjin:
   a. il-promozzjoni tal-fehim Ewropew u internazzjonali, abbażi tal-valuri demokratiċi (bħal, pereżempju, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem);
   b. il-promozzjoni ta' sens kondiviż ta' identità Ewropea u integrazzjoni Ewropea;
   c. l-inkoraġġiment ta' żgħażagħ oħra fl-Ewropa biex jinvolvu ruħhom fid-demokrazija;
   d. l-għoti ta' eżempji prattiċi ta' Ewropej li jgħixu flimkien bħala komunità waħda.

2. Il-proġetti jistgħu jiffukaw fuq l-organizzazzjoni ta' diversi avvenimenti għaż-żgħażagħ bħal, iżda mhux biss, skambji taż-żgħażagħ, logħob ta' simulazzjoni, festivals politiċi taż-żgħażagħ, wirjiet, taħriġ, proġetti online, jew avvenimenti simili.

### ARTIKOLU III – KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

1. L-applikant għandu jkollu bejn is-16 u t-30 sena fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.
2. L-applikant għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru tal-UE jew ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi legalment fit-territorju tal-Unjoni fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.
3. L-applikant għandu jkun:
   a. individwu, jew
   b. grupp ta' individwi, jew
   c. organizzazzjoni.
4. F'każijiet li fihom l-applikant ikun grupp ta' individwi jew organizzazzjoni, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'isem il-persuna responsabbli li tirrappreżenta grupp jew organizzazzjoni. Din il-persuna responsabbli għandha tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu III.1 u III.2.
5. Proġett jista' jkun nazzjonali (jiġifieri mwettaq fi Stat Membru wieħed u mmirat lejn parteċipanti minn dan l-Istat Membru speċifiku) jew internazzjonali (jiġifieri mwettaq f'aktar minn Stat Membru wieħed u/jew immirat lejn parteċipanti minn aktar minn Stat Membru wieħed).
6. Proġett jista' jiġi ppreżentat biss fi Stat Membru wieħed tal-UE – fil-każ ta' proġetti internazzjonali,

l-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata fl-Istat Membru fejn il-proġett għandu l-aktar rabta stretta miegħu.

**ARTIKOLU IV – KRITERJI TA' ESKLUŻJONI**

1. Il-proġetti li ġejjin mhumiex eliġibbli għall-Premju Karlu Manju għaż-Żgħażagħ Ewropej:
   a. proġetti fl-istadju tal-ippjanar u proġetti fl-ewwel stadji tal-implimentazzjoni li għalihom għad ma jistgħux jiġu identifikati riżultati fil-mument tal-bidu tal-proċedura ta' applikazzjoni;
   b. proġetti ppreżentati minn individwi li jaħdmu ma' xi istituzzjoni Ewropea jew mal-Fondazzjoni tal-Premju Internazzjonali Karlu Manju ta' Aachen;
   c. teżijiet u pubblikazzjonijiet akkademiċi;
   d. proġetti li jkunu diġà ngħataw premju mogħti minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija Ewropej;
   e. ir-rebbieħa Ewropej ta' edizzjonijiet preċedenti tal-Premju Karlu Manju għaż-Żgħażagħ Ewropej;
   f. attivitajiet li għandhom skop ta' qligħ bħala l-objettiv primarju tagħhom;
   g. attivitajiet minn organizzazzjonijiet governattivi.

2. Individwi, gruppi ta' individwi jew organizzazzjonijiet ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-Premju f'każ li jkunu nstabu ħatja ta' reat permezz ta' sentenza finali.

**ARTIKOLU V – PREŻENTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET**

1. Il-proġetti jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE permezz ta' formola online apposta.
2. Id-dettalji dwar il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet se jingħataw fis-sejħa għall-applikazzjonijiet, ippubblikata fuq is-sit web tal-Premju Karlu Manju għaż-Żgħażagħ Ewropej.
3. Fil-prinċipju, l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni hija l-1 ta' Frar. L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet tista' tiġi mmodifikata mill-Parlament Ewropew filwaqt li jitqiesu l-kalendarju tal-Parlament Ewropew u ċirkostanzi speċjali possibbli.

**ARTIKOLU VI – KRITERJI TA' GĦOTI**

Il-proġetti jiġu evalwati skont il-prinċipji li ġejjin:

a. Il-grad ta' ksib tal-objettivi tal-premju kif ippreżentati fl-Artikolu II. F'dan ir-rigward, il-ġuriji se jqisu n-numru ta' żgħażagħ li ħadu sehem fl-implimentazzjoni tal-proġett u l-firxa tar-riżultati miksuba.
b. Se tingħata kunsiderazzjoni partikolari lil proġetti b'dimensjoni transnazzjonali, li jinvolvu żgħażagħ minn aktar minn Stat Membru wieħed mill-bidu tiegħu sal-implimentazzjoni tiegħu.
c. Il-kreattività u n-natura innovattiva tal-proġett, billi joffri inizjattivi innovattivi.

**ARTIKOLU VII – GĦAŻLA TAR-REBBIEĦA**

1. Il-ġurija nazzjonali f'kull Stat Membru tagħżel l-aħjar proġett fost il-proġetti ppreżentati f'dak l-Istat

Membru.
2. Il-ġurija Ewropea tagħżel tliet rebbieħa Ewropej – l-ewwel, it-tieni u t-tielet rebbieħ Ewropew – minn fost ir-rebbieħa nazzjonali.
3. Il-Parlament Ewropew u l-Fondazzjoni tal-Premju Internazzjonali Karlu Manju ta' Aachen jistgħu jiddeċiedu li jimplimentaw proċedura ta' votazzjoni pubblika biex jikkontribwixxu għall-għażla tar-rebbieħa Ewropej.

**ARTIKOLU VIII – ĠURIJI NAZZJONALI**

1. Il-ġuriji nazzjonali li jikkonsistu f'żewġ Membri tal-Parlament Ewropew u rappreżentant ta' organizzazzjoni taż-żgħażagħ jagħżlu rebbieħ nazzjonali wieħed għal kull Stat Membru.
2. Il-ġurija tirriżerva d-dritt li tirrifjuta kwalunkwe proġett li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-konkors.
3. L-Uffiċċju ta' Kollegament fl-Istat Membru rispettiv jistieden lill-Membri tal-Parlament Ewropew biex jipparteċipaw fil-ġuriji nazzjonali fuq bażi annwali.

**ARTIKOLU IX – ĠURIJA EWROPEA**

1. Il-ġurija Ewropea, li tikkonsisti minn żewġ Membri tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Parlament Ewropew, tliet rappreżentanti tal-Fondazzjoni tal-Premju Internazzjonali Karlu Manju ta' Aachen u żewġ rappreżentanti tas-settur taż-żgħażagħ jagħżlu t-tliet rebbieħa Ewropej mill-proġetti rebbieħa nazzjonali magħżula mill-ġuriji nazzjonali.
2. Id-deċiżjoni tal-ġurija Ewropea hija finali.

**ARTIKOLU X – AMMONT TAL-PREMJU U ĊERIMONJA TA' PREMJAZZJONI**

1. It-tliet proġetti Ewropej rebbieħa jirċievu l-premjijiet li ġejjin: l-ewwel premju jammonta għal €7,500, it-tieni premju għal €5,000 u t-tielet premju għal €2,500. L-ammont tal-premju jitħallas permezz ta' trasferiment bankarju lill-kontijiet tal-bank ipprovduti mir-rebbieħa.
2. Rappreżentant wieħed minn kull proġett nazzjonali rebbieħ se jiġi mistieden għaċ-ċerimonja tal-premjazzjoni tal-Premju Karlu Manju għaż-Żgħażagħ f'Aachen.
3. Il-premjijiet għar-rebbieħa Ewropej se jiġu ppreżentati mill-President tal-Parlament Ewropew u minn rappreżentanti tal-Fondazzjoni tal-Premju Internazzjonali Karlu Manju ta' Aachen. Bħala parti mill-premju, ir-rebbieħa Ewropej se jiġu mistiedna jżuru l-Parlament Ewropew (fi Brussell jew Strasburgu).

**ARTIKOLU XI – DRITTIJIET TAL-AWTUR**

Il-Parlament Ewropew u l-Fondazzjoni tal-Premju Internazzjonali Karlu Manju ta' Aachen jirriżervaw id-dritt li jirriproduċu l-materjal ikkontribwit għal finijiet ta' preżentazzjoni kif ukoll għal skopijiet medjatiċi u promozzjonali.

**ARTIKOLU XII – RESPONSABBILTÀ**

L-organizzaturi ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-annullament, il-posponiment jew il-modifika tal-konkors u/jew taċ-ċerimonja tal-premjazzjoni.

**ARTIKOLU XIII – AĊĊETTAZZJONI TAR-REGOLAMENTI**

Il-parteċipazzjoni fil-konkors timplika l-aċċettazzjoni sħiha ta' dawn ir-regoli.